MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-18 ta' Awwissu, 2005

Appell Kriminali Numru. 95/2005

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Omissis**
**Joseph Caruana**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-kwalita taghkom ta' diretturi u/jew rapprezentanti guridici tas-socjeta' Fish & Fish Ltd (C14268) b'indirizz irregistrat "Kristianne" Triq P.P. Saydon, Zurrieq, u/jew bhala persuni li kienu nkarigati mill-istess socjeta' sabiex ihallsu l-pagi dovuti, talli naqsu li jhallsu l-pagi kollha sad-9 ta' Lulju, 2004 fl-ammont ta' (LM2572.92) dovuti lill-ex impjegat tas-socjeta' fuq imsemmija Joseph Azzopardi, fit-tmiem tal-impieg tieghu fid-9 ta' Lulju, 2004.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-17 ta’ Marzu, 2005, li biha wara li rat l-artikoli 5, 15 u 45 tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll l-artikolu 21 tal-Kap. 9 u l-artikolu 22 tal-Kap. 446, filwaqt li sabet lill-appellant hati, illiberatu bla kundizzjoni u ordnat li jhallas l-ammont ta’ elfejn lira Maltin (LM2000.00) lil Joseph Azzopardi ai termini tal-artikolu 45 tal-Kap. 452.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-30 ta’ Marzu, 2005, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha thasar u tirrevoka s-sentenza appellata billi ssib lill-appellant mhux hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu w tilliberah minn kull htija w imputazzjoni kontra tieghu.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti :- 1. li l-Ewwel Qorti ordnat hlas ta’ ammont dovut bhala hlas ghall-*overtime* nonostante l-fatt illi *ex admissis* l-ex-impjegat Azzopardi ma kienx indika lill-appellanti s-sieghat ta’ *overtime* u kien proprju waqt l-ewwel seduta u fil-jum stess meta nghatat is-sentenza appellata li l-appellanti gew a konjizzjoni ghall-ewwel darba ta’ l-ezistenza tad-dokument li fuqu l-ex-impjegat u d-Dipartiment ikkoncernat eskluzivament ibbazaw it-talba taghhom ghas-sieghat ta’ *overtime*. 2. Ghalhekk qatt ma seta’ jigi pretiz li l-appellanti, qabel din id-data, jhallsu l-ammont mitlub, awtomatrikament, minghajr ma jinghataw evidenza jew sahansitra indikazzjonijiet tas-sieghat li kienu jiffurmaw il-bazi ta’ dan l-ammont, aktar u aktar fid-dawl tal-fatt illi l-ex-impjegat Azzopardi kien fil-pozizzjoni illi jikkomunika dan ir-rendikont, ippreparat minnu stess aktar minn tmin xhur qabel id-data tas-seduta. 3. Illi l-Ewwel Qorti ma setghet qatt a bazi tal-provi prodotti tasal ragionevolmnent u legalment ghall-konkluzzjoni li fil-fatt waslet ghaliha li tikkundanna lill-appellanti jhallsu s-somma bhala sahra. 4. Illi l-unika prova kienet il-karta li pprepara l-ex-impjegat, possibilment xhur wara u hu kien naqas**

**milli jaderixxi mal-procedura adoperata minnu f' kaz ta' *overtime* waqt xoghol fil-bahar. 5. li l-Ewwel Qorti stess irrikonoxxiet il-mankanza ta' tali prova dwar is-sieghat ta' *overtime* allegati mill-Prosekuzzjoni w mill-ex-impjegat tant li waslet biex tghid li l-ammont mitlub kien eccessiv. 6. Li fil-kamp kriminali kull decizjoni trid tkun ibbazata fuq evidenza cara w konkreta illi ma thalli ebda dubju ragjonevoli f' mohh il-gudikant . F' dan il-kaz mhux car kif l-Ewwel Qorti ghamlet dikjarazzjoni generika fis-sens illi "*zgur inhadem l-overtme*" minghajr evidenza konkreta . Hu dubbjuz ukoll kif l-Ewwel Qorti waslet ghas-somma dovuta ghall-*overtime* li fil-fatt waslet ghaliha. Li l-Ewwel Qorti ma tat ebda ndikazzjoni ta' komputazzjoni w kalkolu illi adoperat sabiex waslet ghall-ammont specifiku . 7. Illi ladarba l-imputazzjoni kienet tirrigwarda nuqqas ta' hlas ghall-ammont partikolari ndikat mill-impjegat u mill-prosekuzzjoni, u ladarba l-Ewwel Qorti stess ikkonfermat li l-ammont mitlub ma kienx dovut fl-intier tieghu, jsegwi li l-appellanti kienu gusitifikati li ma jhallsux l-ammont kollu mitlub mill-impjegat. Ghalhekk hu kontradittorju li l-Ewwel Qorti ddikjarat li l-ammont mitlub hu eccessiv u fl-istess hin sabet ill-appellanti hatja ta' l-istess imputazzjoni.**

**Rat l-ordni taghha biex dan l-appell numru 95/2005 , jistema' w jigi trattat kontestwalment mall-appell numru 94/2005;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet ix-xhieda mill-gdid;**

**Rat il-verbal tad-9 ta' Gunju, 2005, li bih Dr. Marius Mifsud Cutajar ghall-parte civile, ddikjara li, fil-mori tal-appell, giet imhallsha s-somma ta' Lm1344 u Lm15 bhala hlas tal-pendenzi kollha barra l-*overtime* u li bih l-appellanti aderew ghall dan il-verbal biss in kwantu li sar il-hlas imsemmi izda bla pregudizzju ghall-linja difensjonali taghhom;**

**Rat id-Digriet Taghha tal-istess data li bih innominat bhala espert komputista lil Accountant Jozef Galea bil-fakoltajiet lilu moghtija biex hu jirrelata x' inhu l-ammont li jirrizultalu dovut ghall-*overtime*;**

**Rat ir-relazzjoni tal-imsemmi espert komputista minnu prezentata w mahlufa fis-seduta tat-13 ta' Lulju, 2005;**

**Rat in-Nota ta' sottomissjonijiet tal-appelanti minnhom ipprezentata fl-1 t' Awwissu, 2005;**

**Rat in-Nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat Generali tal-5 t' Awwissu, 2005.**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat ;**

**Illi il-provi mismugha mill-gdid quddiem din il-Qorti kienu fil-qosor is-segwenti :-**

IAN MELI **, employment relations officer fi hdan id-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industriali w tal-Impieg xehed illi l-kaz beda' meta Joseph Azzopardi kien mar ghandu w qallu li kellu xi pendenzi fuq il-paga meta spicca mill-impieg. Kien hemm pendenzi diversi, fosthom ghall-pagi, *bonuses, allowances,leave* w *overtime*. Il-pendenzi l-ohra hlief l-*overtime* thallsu. Joseph Azzopardi kien tah lista ta' l-*overtime* li hu kien hadem. Hu kien allura ghamel *claim* ghall-hlas tal-ammont ta' LM1205.48 bhala *overtime* fl-20 ta' Settembru, 2004 u kien indika l-ammont ta' sieghat. Fid-29 ta' Settembru, 2004 kien rrispondieh l-Avukat Christian Farrugia, fejn kien infurmah li kienet ser tittiehed xi azzjoni ghad-danni. Fl-4 t' Ottubru, 2004, hu kiteb lura biex jispjegalu li dik kienet kwistjoni ohra li ma kellhiex x' taqsam mall-kawza tal-pagi. Fil-25 t' Ottubru, 2004, intbaghat *reminder* u fil-25 t' Ottubru, 2004, l-avukat kitiblu biex jistaqsieh dawk l-ammonti ghall-*overtime* kif inkitbu . Hu kien**

**irrispondieh b' ittra sussegwenti w s-sheet annessa maghha.**

**L-impjegat kien spjegalu li l-procedura ghall-hlas tal-*overtime* kienet li fl-ahhar tax-xahar jew fil-periodu li kien miftiehem kien jaghti lista ta' *overtime* lill-employers tieghu. Imma f' dan il-kaz ma kienx inghata cans jaghmel dan ghax tkecca w mid-dehra lanqas inghata cans jigbor l-affarijiet tieghu. Peress li l-impjegat kien jahdem sieghat fuq il-bahar li kienu jkunu kwazi l-istess, din il-karta kienet kwazi formalita' biex hu jkollu *record* u anki huma jkollhom *record* tas-sieghat li nhadmu. Pero' l-persuna li kienet responsabbli biex tnizzel kemm ikun inhadem *overtime* kien l-impjegat innifsu w l-*employers* umbaghad kienu joqghodu fuqu. Ma jirrizultax li qabel kien hemm xi kontestazzjoni fuq l-*overtime* li kien jinhadem ghax hu kien ra l-*payslips* ta' qabel u dawn dejjem thallsu. L-ammont kien jitla' daqshek ghax l-impjegat kien jaghmel hafna sieghat f' daqqa fuq il-bahar u kien jaghmel granet twal jahdem u jidhol "*time and a half"* u x' aktarx *"double time"* ukoll. Minn kopja ta' "*payslip"* ta' Novembru, 2003, per ezempju f' xahar wiehed kien ghamel Lm692 *overtime* biss.**

JOSEPH AZZOPARDI **, xehed li issa l-kwistjoni kienet tirrigwarda l-*overtime* biss. Hu bhala *engineer* kien jiehu hsieb il-magna tal-lanca li ghall-ewwel kienet *trawler* umbaghad bdiet tintuza bhala *"tug boat*" tirmonka il-gageg tat-tonn. Kienu hargu fl-1 ta' Gunju, 2004 u ghamlu sad-9 ta' Lulju, 2004. Kienu dahlu darba Malta u damu mill-lum ghall-ghada w kull ma kien ghamel id-dar hu kien lejl. Kienu dahlu f' xis- 1 pm. u hargu l-ghada f' xil-11 am. Fuq il-bahar ma kienux ikunu *duty* l-hin kollu imma jserrhu lil xulxin. Pero' min kien iserrhu ma kienx abbli bizzejjed biex jittekilja certu hsarat u allura kien ikollu jinzel hu fil-magna jekk tinholoq xi problema bhal per ezempju fit-temperatura, ghax ma jafdax. Hu kien izomm karta fejn kien jikteb il-hinijiet ta' meta kien jinzel waqt il-hin tal-irqad tieghu . Kien iqum kull saghtejn jinzel isfel fl-*engine room* biex jiccekkja ghall-affari tieghu u jara li**

**l-affarijiet qeghdin sewwa w dak il-hin li kien iqum kull saghtejn lanqas nizzlu fit-time sheet ghax kien jara l-*gauges* u jerga' jitla' fuq. Ikkonferma l-kitba esebita a fol. 8 u fol. 14 u 15.**

L-APPELLANT JOSEPH CARUANA**, meta xehed quddiem l-espert komputista, qal li s-socjeta' Fish & Fish Ltd minnu rapprezentata ma kienetx hallset l-ammont mitlub bhala *overtime* ghax hasset li l-ammont mitlub kien eccessiv. Qal ukoll li Joseph Azzopardi ma kienx intitolat ghall-*overtime* ghax kif spjega l-paga bazika kienet minn LM500 fix-xahar ghal LM700 fix-xahar sabiex ma jkunx hemm pagamenti ta' *overtime* meta Joseph Azzopardi jkun qed jahdem fuq il-bastiment.**

JOZEF GALEA**, l-espert komputista nominat mill-Qorti , rrelata li z-zieda fil-paga sehhet bejn is-sena 2002 u 2003. Izda meta fis-sena 2003 il-paga saret LM700 xorta wahda kien thallas l-*overtime* ta' Lm4 fis-siegha u s-socjeta' Fish & Fish Limited kienet qaghdet fuq l-informazzjoni li kien jatiha Joseph Azzopardi dwar l-*overtime* mahdum minnu w dan kien jindika li kellhom fiducja f' Joseph Azzopardi ghal dak li jirrigwarda sieghat ta' *overtime* minnu dikjarati.Ghalkemm ma kienx hemm *time sheet* li fuqha jigi kalkolat l-*overtime*, Joseph Azzopardi kien izomm *records* dettaljati tax-xoghol tieghu fuq id-*diary* tieghu. Illi is-socjeta' Fish & Fish Limited ma inkarigatx lill-kaptan tal-lancja biex izomm *records* tal-*overtime* w ghalhekk ma ghandha ebda *records*.**

L-espert komputista ghalhekk ikkonkluda li, jekk wiehed joqghod fuq l-unici *records* disponibbli, w cioe' dawk tal-impjegat Joseph Azzopardi u li huma l-unika prova tal-*overtime* li hu hadem, jirrizulta li bejn l-1 ta' Gunju u d-9 ta' Lulju, 2004, Joseph Azzopardi kien hadem mitejn u tminja w disghin sieghu u nofs (298.5), aktar mill-erbghin siegha fil-gimgha, li, kalkolati bir-rata fissa ta' erba liri Maltin (LM4) fis-siegha, kienu jammontaw ghal hlas dovut ta' elf, mija u erba w disghin lira Maltin (LM1194.)

**Ikkonsidrat;**

**Illi minn dawn il-provi jirrizulta li l-impjegat Joseph Azzopardi tul il-periodu bejn l-1 ta' Gunju, w d-9 ta' Lulju, 2004, kien ingaggat bhala persuna nkarikata mill-magna ta' lanca li kienet isservi ta' *tug boat* li tirmonka l-gageg tat-tonn. Kien ghamel dan il-periodu kollu fuq il-bahar b' eccezzjoni ta' periodu ta' madwar 22 siegha li fih hu nizel l-art. Li l-arrangament kien li l-impjegat izomm *records* ta' kemm il-siegha oltre l-40 siegha fil-gimgha jkun hadem umbaghad, meta jinzel l-art, jikkonsenja l-istess karta lis-socjeta' Fish & Fish Limited li r-rapprezentanza gjudizzjarja taghha hija f' idejn iz-zewg appellanti (Fol.12) u dawn japprovaw l-overtime u jhallsu. Jidher li din il-procedura kienet ghadha qed tigi addottata sa' Mejju, 2004. (ara fol.14). Izda fl-ahhar xahar u gimgha u cioe' l-periodu msemmi fic-citazzjoni, malli l-impjegat irritorna Malta gie licenzjat bla ma lahaq ipprezenta l-karta li turi kemm sieghat *overtime* kien hadem. Ghalhekk is-socjeta' baqghet ma hallset xejn lanqas paga bazika u *allowances* ohra. Dawn issa rrizultaw li thallsu biss fil-mori tal-appell u l-unika kontestazzjoni li fadal hija fuq l-ammont dovut ghall-*overtime* mahdum.**

**Illi is-socjeta' rapprezentata mill-appellanti ma ghandha ebda prova fir-rigward u ghalhekk mhux fi grad li tikkontesta l-*claim* tal-ex-impjegat taghha li pprezenta d-dokument a fol. 8 li jindika, jum b' jum, is-sieghat ta' *overtime* mahduma.**

**Illi l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata qalet dan kollu pero' rriteniet li l-ammont ta' *overtime* mitlub kien jidher eccessiv u ghalhekk meta giet biex tillikwida l-ammont dovut minnflok dak ta' LM2572.92c mitlub fic-citazzjoni, kkundannat lill-appellanti li jhallsu biss l-ammont ta' LM2000.**

**L-appellanti qed jghidu li dan hu kontradizzjoni ghax l-Ewwel Qorti ma setghetx f' nifs tghid li l-ammont kien eccessiv u fl-istess hin tirriskontra htija skond l-**

**imputazzjoni. Dan l-aggravju pero' huwa nfondat ghaliex f' dawn il-kawzi, altru l-imputazzjoni nnifisha li normalment tikkonsisti f' nuqqas tal-hlas ta' dak li jkun dovut jew fi hlas inqas minn dak dovut li jikkostitwixxi l-ksur tal-ligi w altru l-ammont tal-hlas li jigi mitlub li jista' ma jkunx preciz u sta ghall-Qorti li tiddeterminah bi precizjoni, jekk ikun jirrizulta xi nuqqas ta' hlas.**

**Issa fil-kaz in ezami ndubbjament meta d-Dipartiment ha l-azzjoni odjerna w intenda l-proceduri kontra l-appellanti bic-citazzjoni li ggib id-data tad-9 ta' Marzu, 2005, <u>l-appellanti kienu ghadhom ma hallsu xejn</u> lill-ex-impjegat taghhom – lanqas dak li issa hallsu fil-mori tal-appell – <u>ghalkemm kienu ghaddew disa xhur mil-licenzjament tieghu</u>. L-appellanti ma jistghux lanqas jargumentaw li ma kienux jafu l-ammonti pretizi ghax dawn kienu ntbaghtulhom *"broken down"* bl-ittra tad-Dipartiment tal-20 ta' Settembru, 2004 ( Dok. 8 a fol.2). Ghalhekk zgur kienu jafu x' kienu d-diversi ammonti pretizi u b' dana kollu sa meta giet deciza s-sentenza appellata fis-17 ta' Marzu, 2005, kienu baqghu ma hallsu xejn. Ghalhekk din il-Qorti taqbel mall-Ewwel Qorti li l-imputazzjoni tirrizulta pruvata b' mod car u manifest .**

**Il-fatt li l-Ewwel Qorti rriteniet li l-ammont ta' LM1205. 48c mitlub bhala hlas ghall-*overtime* kien eccessiv ma hux in kontradizzjoni mas-sejbien ta' htija, ghaliex altru il-kostatazzjoni li ma jkunux thallsu l-pagi w ammonti kollha w altru mbaghad il-likwidazzjoni tal-ammont dovut.**

Fi kliem iehor l-*employer* f' dawn il-kawzi ma jistax jipprofitta ruhu w ma jhallas xejn semplicement ghax it-talba ghall-hlas li ssir mill-impjegat u/jew mid-Dipartiment ghan-nom tieghu ma tkunx preciza. Lanqas ma jista' jippretendi li jigi liberat minn imputazzjoni li ma jkunx hallas ammont akbar ghax jirrizulta fil-kawza li l-ammont dovut ikun inqas, ghaliex dik il-htija tkun kompriza w involuta fic-citazzjoni fejn ikun intalab ammont akbar minn dak effettivament likwidat mill-Qorti. U l-Qorti dejjem tista'

tirriskontra htija inqas li pero' tkun kompriza w involuta f' dik li tkun originarjament addebitata lill-akkuzat anki jekk l-akkuza kif dedotta ma tirrizultax.

**Ghalhekk l-aggravji tal-appellant dwar is-sejbien ta' htija "*ut sic*" huma kollha infondati w qed jigu respinti.**

**Illi kwantu ghall-punti sollevati mill-appellant fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu tal-1 t' Awwissu , 2005, il-fatt li l-Ewwel Qorti ma kellhiex konjizzjoni tal-konkluzzjoni tal-espert komputista hu ghal kollox irrilevanti. Din il-Qorti , ladarba l-provi ma kienux traskritti, kellha bil-fors tisma l-provi mill-gdid u f' certu stadju hasset il-htiega li tinnomina hi stess – kif dejjem ghandha dritt taghmel f' kull stadju tal-process – espert komputista biex jassistiha fil-kalkolazzjoni tal-ammont dovuti. Dan l-espert ma giex nominat biex jassisti lill-Ewwel Qorti imma biex jassisti lil din il-Qorti fis-smiegh tal-appell u ghall-fini tal-likwidazzjoni w dan hu ghal kollox regolari w ma hemm lok ghall-ebda kritika jew censura da parti tal-appellant , li wara kollox kellu kull opportunita' li jressaq kull prova in sua difeza quddiem l-istess espert.**

**Illi dwar il-punti l-ohra sollevati fin-nota imsemmija, dawn gja huma trattai fil-paragrafi precedenti ta' din is-sentenza w ghalhekk din il-Qorti mhux ser tiddilunga dwarhom ghajr li tirribadixxi li bil-fatt li waqt il-mori tal-appell l-appellant hass li kellu jhallas is-somma ta' Lm1344 , "ex admissis" u impliciter accetta l-addebitu li hu kien naqas li jhallas il-pagi tal-impjegat u ghalhekk l-akkuza hija kjarament pruvata w tirrizulta.**

**Kien forsi jkun differenti l-kaz kieku l-appellant** *a tempo debito* **hallas akkont jew iddepozita wara rifjut mhux gustifikat l-ammont ta' paga, bonus, allowances u kumpens ghall-leave mhux mehud, li umbaghad hallas fil-mori tal-appell u ma hallasx biss il-hlas ghall-*overtime* li kien kontestat. Imma fil-fatt mhux hekk sar u ghalhekk l-imputazzjoni zgur li tirrizulta**

**ghar-rigward tal-paga, bonuses, allowances u kumpens ghall-leave.**

**Illi dwar il-likwidazzjoni tal-ammont dovut ghall-hlas tal-*overtime* li issa hu dak biss li ghadu in kontestazzjoni w dovut, din il-Qorti ser taddotta l-kalkolazzjonijiet maghmula mill-espert komputista minnha nominat. Din il-Qorti mill-ezami tar-relazzjoni tara li l-hinijiet tal-*overtime* huma l-itwal kwazi biss fil-granet tas-Sibt, il-Hadd u Festi Pubblici ghaliex fil-bqija tal-granet ta' matul il-gimgha jidhru accettabbli. Pero' ghall-hinijiet li jistghu jidhru twal fil-Hdud, Sibtijiet u Festi hemm spjegazzjoni ovvja u dan ghaliex kull siegha xoghol li tinhadem f' dawn il-granet kienet tkun overtime. Ghalhekk din il-Qorti taqbel mall-ammont bilancjali dovut lill-ex-impjegat tal-appellanti Joseph Azzopardi fl-ammont ta' elf, mija w erba w disghin lira Maltin (LM1194.) kif likwidat mill-espert komputista.**

Pero' peress li dan l-ammont ta' LM1194, jekk jigi maghdud ma dak ta' LM1359 imhallas fil-mori tal-appell, ikun jammonta ghall-LM2553 u peress li l-Ewwel Qorti llikwidat biss ammont ta' Lm2000 bhala hlas dovut lill-impjegat u minn din id-decizjoni la kien hemm appell mill-Avukat Generali w lanqas mill-parte civile, din il-Qorti ma tistax tillikwida dan l-ammont ta' LM2553 ghax tkun qed tmur oltre dak li gie ordnat ihallas l-appellant bis-sentenza appellata. Ghalhekk f' dan l-istadju tista' tikkundanna lill-appellant biss li jhallas id-differenza bejn is-somma ta' elfejn lira maltin (LM2000) likwidata mill-Ewwel Qorti w dak li gie mhallas fil-mori tal-appell u cioe' LM1359, u cioe' l-ammont ta' sitt mija u wiehed u erbghin lira Maltin (LM641).

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha fejn ikkundannat liz-zewg appellanti li jhallsu l-ammont ta' elfejn lira Maltin (LM2000) lil Joseph Azzopardi ai termini tal-artikolu 45 tal-Kap.452 u minnflok tikkundannhom li jhallsu lill-istess Joseph Azzopardi s-somma ta' sitt mija u wiehed u erbghin lira Maltin (LM641.) li hu l-**

**bilanc dovut illum wara l-pagament li sar fil-mori tal-appell, a tenur tal-istess artikolu 45 tal-Kap.452 u tikkonfermaha ghall-kumplament u dan qed isir bla pregudizzju ghad-dritt tal-impjegat Joseph Azzopardi li jesigi kull bilanc iehor lilu talvolta dovut quddiem xi Qorti ohra kompetenti "*si et quatenus*"**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------